**STQARRIJA MILL-MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – SKEMA TA' KUMPENS GĦAL-WAQFIEN TEMPORANJU TAS-SAJD.**

Permezz tal-Fond Ewropew Għall-Affarijiet Marittimi u S-Sajd 2014-2020, id-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura fi ħdan il-Ministeru tal-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali qed iħabbar li qed iniedi skema ta' kumpens għas-sajjieda li jistadu attivament għall-pixxispad u li ħa jiddikjaraw li ser jieqfu temporanjament mill-attivitajiet tas-sajd għax-xahar ta'Diċembru. Dan għaliex il-Gvern ħass li għandu jestendi il-perjodu tas-sajd magħluq b'xahar, matul ix-xahar ta' Diċembru 2020 bil-għan li nieħdu ħsieb l-*istocks* ta' ħut, b'mod speċjali, il-pixxispad.

Din l-iskema tipprovdi kumpens lil dawk is-sajjieda li huma rreġistrati mad-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura bħala MFA jew MFB. Barra minn hekk, l-iskema ta' kumpens hija applikabbli biss għal-dawk is-sajjieda li ġabru l-awtorizzazzjoni valida biex jistadu għall-pixxispad fl-2020, għandhom il-valur minimu ta' qbid ta' ħut matul l-2018 u l-2019 skont il-Leġislazzjoni Sussidjarja 425.07 skeda III, għandhom il-valur minimu ta'qbid ta' pixxispad matul 2018 u l-2019 kif stipulat fl-applikazzjoni u rreġistraw 120 jum fuq il-baħar bejn l-1 ta' Novembru 2018 u l-31 t'Ottubru 2020.

Fil-ġranet li ġejjin ħa jibdew jitqassmu l-applikazzjonijiet lis-sajjieda konċernati. Dawk interessati għandhom jibgħatu bil-posta l-applikazzjoni tagħhom flimkien ma' dokumentazzjoni oħra kif mitluba lid-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura ġewwa l-Għammieri sa mhux aktar tard mill-20 ta' Novembru 2020.

Din l-iskema ta' kumpens qed tiġi amministrata mid-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura. F' każ ta' xi diffikultajiet wieħed għandu jċempel lid-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura għal aktar informazzjoni fuq 22926831.

Programm Operattiv għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd 2014-2020

Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS)

Rata ta' ko-finanzjament: 50% fondi mill-Unjoni Ewropea; 50% fond nazzjonali
***Investiment f'sajd u akkwakultura sostenibbli***